XEWKIJA

***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA***
***LAQGĦA MILL-BIDU TAL-KUNSILL: NRU 435***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 63***
***L-Erbgħa 25 ta' Jannar, 2012 fis-6:00pm.***

*Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6:00pm*

*Preżenti:*

*Dr Monica Vella – Sindku*

*Mr Joseph Vella – Viċi Sindku*

*Mr. Hubert Saliba – Kunsillier*

*Mr Teddy Mizzi -- Kunsillier*

***Assenti***

*Dr Marthese Portelli -- Kunsillier*

---------------------------------------------------------

*Uffiċjali:*

*Ms Sue-Ellen Bugeja – Segretarju Eżekuttiv*

*Mr. Carmel Grima --- Uffiċjal*

*Intqalet it-Talba.*

**1. Ħatra ta' Segretarju Ezekuttiv**

Il-Kunsill introduċa u awgura lis-Segretarju Ezekuttiv Sue-Ellen Bugeja għall-ħatra ġdida tagħha. Is-Sindku awgurat lil Sue-Ellen fix-xogħol ġdid tagħha.

**2. Performance Bonus**

Il-Kunsill qabel li Mary Haber l-Assistant Principal tal-Kunsill għandha tieħu l-amount ta' 6% performance bonus.

**3. Applikazzjoni mal-MEPA**

Il-Kunsill iddiskuta il-bzonn li l-kunsill ikabbar kamra oħra fit-tieni sular tal-kunsill u sala fit-tielet sular. Il-Kunsill ser jitlob lill-perit biex jiġi jara fil-post u jibdew l-proċeduri kollha biex issir applikazzjoni mal-MEPA.

**4. Karnival 2012**

Is-Sindku kellha laqgħa mal-pulizija fejn ġiet diskussa l-attivita tal-karnival fix-Xewkija. F'din il-laqgħa s-Sindku infurmat lill-Pulizija li minkejja l-progett ta' Triq l-

Imgarr, l-attivita tal-karnival ser issir u t-traffiku għandu jiġi mdawwar minn toroq oħra. Il-kunsill qiegħed jitlob kwotazzjonijiet għall-Comperes fl-Karnival.

**5. Tenders**

Il-Kunsill ser jitlob lill-Perit Bianco biex johrog sejha ghall-disinn ta' Centru Civiku ghax-Xewkija. Il-Kunsill ser joħroġ ukoll it-tenders ta' Tindif u Manutenzjoni ta' qtugh tal-Haxix fil-Gnien ta'Blankas u Restawr tal-Binja mwaqqa' fil-Gnien ta' Blankas.

**6. Fidwa**

Il-Kunsill idduskuta imma ser ikompli jiddiskuti aktar il-quddiem.

**7. Transport Pubbliku**

Il-kunsill irċieva diversi ilmenti dwar ir-rotta l-ġdida tat-Transport. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kellha diversi laqghat mat-Trasport Malta fejn weghdu li r-rotta li tnehhiet fl-inhawi maghrufa Ta' Hanzira kellha terga' ssir fi zmien qasir u li ser jipprovdu transport kull sagħtejn matul l-ġurnata. Peress li dan is-servizz suppost li kellu jibda fl-1 ta' Settembru, 2011 mbghad fl-1 ta' Ottubru 2011 izda sal-lum ghadu ma' nghatax lura lix-Xewkija s-Sindku pproponiet li dan is-servizz jibda jigi offrut mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u ghalhekk se jinhargu kwotazzjonijiet ta' servizz ta' minibus biex ir-residenti jkunu jistgħu jagħmlu uzu minnu sa meta t-Transport Malta jipprovdu t-transport tagħhom.

**8. Approvazzjoni ta' ħlasijiet**

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

**9. Ilmenti u Suġġerimenti**

Joseph Vella l-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li fi Triq San Bert hemm il-ħofor. Il-kunsill qabel li għandha tintbgħat ittra lil Transport Malta fejn jintalab kumpens għat-triq minħabba li qed jgħaddi ammount kbir ta' traffiku min Triq San Bert. Joseph Vella staqsa ukoll rigward parking for disabled persons ta' Ryan Portelli li joqghod fi Triq Isqof Mikiel Molino.

Il-kunsill qed jiprononi li ssir mountabale roundabout fi Triq il-Mitħna tmiss ma' Triq l-Indipendenza

Mary Farrugia għamlet suġġeriment dwar possibilita ta' Zebra Crossing fi Triq San Bert bejn Triq Guze D'Amato u l-Pjazza San Gwann Battista.

Guza Cassar, Blk 1 San Gwann, Triq Vjal il-Labour għamlet ilment biex titranġa l-bankina. Il-Kunsill iddeċida li l-bankini tal-Home Ownership tal-Ħamrija isiru kollħa mill-Fondi tal-UIF u għalhekk din taqa' taħt din l-iskema.

Mera approvata minn Transport Malta fi Triq Indipendenza kantuniera ma' Triq Rotonda.

Mera miksura fil-Home ownership tal-Barmil. Il-Kunsill ser jara jekk din il-mera tintuzax jew le. Għandna inkellmu lil Martinu Grima.

**10. Ħarġa għall-Malta**

Il-Kunsill qabel li ssir ħarġa għall-familja fis-19 ta' Marzu il-Bird Park f'Malta.

**11. Mistoqsija Parlamentari no. 31392 – Triq Cappelli**

Il-Kunsill irċieva Mistoqsija Parlamentari dwar Triq Ċappelli li jgħaddu ħafna anzjani minnha u tizloq. Il-Kunsill għamilha ċara li dan l-ilment qatt ma wasal lill-Kunsill qabel saret din il-Mistoqsija parlamentari għax kieku il-kunsill kien jindirizzaha kif soltu jagħmel meta jkun hemm xi ilment. Is-Sindku tat rendikont ta' din it-triq wara li hija għamlet spezzjoni fuq il-post flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill. Jidher li f'din it-Triq trabba ftit ħass fil-parti t'isfel tagħha biss, billi din it-triq hija dellija u ma tarax xemx, hi dejqa ħafna u ma jgħaddix traffiku minnha u lanqas ma hi frekwentata minn nies. Tajjeb jingħad li f'din it-Triq hemm toqgħod familja waħda biss fil-parti ta' fuq tat-triq fejn m'hemmx din il-problema. Madanakollu l-Kunsill idduskuta dan l-ilment u ser jieħu l-passi neċessarji biex il-problema tirrisolvi ruħha u dan fi zmien qasir, wara li jittieħdu l-pariri teċkniċi meħtieġa.

**12. Mistoqsija Parlamentari no. 31444**

Il-Kunsill ircieva e-mail mingħand Transport Malta dwar Mistoqsija Parlamentari rigward zebra crossings fi Triq San Bert. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni li zebra crossing ġa hemm waħda fi Triq San Bert kantuniera ma' Pjazza San Gwann Battista. Mit-tarf l-ieħor fejn Triq San Bert taqgħad ma' Triq l-Imġarr ħdejn il-kapella tal-Madonna tal-Ħniena, hemm diġa zebra crossing li taqsam it-triq prinċipali izda ma tkompliex għaddeja sal-ġenb l-ieħor ta' Triq San Bert. Huma qablu li ikun sew li din ta' l-aħħar titkompla biex taqsam Triq San Bert. Il-Kunsill għamilha ċara li hu mportanti li l-Mistoqsija Parlamentari tagħti indikazzjoni ċara dwar il-post ezatt fejn qed jiġi propost li jsiru zebra crossings oħra biex il-Kunsill ikun jista jagħti l-kummenti tiegħu. Dan peress li dan jafettwa ukoll l-parkeġġ fi Triq San Bert.

**13.Kuntratt ta' Carmelo Grima**

Carmelo Grima qal li hu temm il-Kuntratt ta' Aġent Segretarju Ezekuttiv fis-17 ta' Jannar 2012 u baqa' iservi fil-Kunsill bħala uffiċjal. Hu qal li jtemm dan ix-xogħol ta' uffiċjal meta l-Kunsill jagħti l-ordni għall-waqfien mix-xogħol tiegħu. Il-Kunsill iddeċieda li għalissa jibqa' sal-laqgħa li jmiss fil-25 ta' Frar 2012 fejn jiġi deċiz kemm ser idum jaħdem. Carmelo Grima qal li l-paga ta' Segretarju ntemmet fis-17 ta' Jannar u qed jitlob li għal xogħol ta' wara tkun ta' uffiċjal mal-Gvern bi skala 10. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba.

**14.Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa ntemmet fis-10:00p.m. Il-Kunsill iffissaw data għall-Laqgħa Annwali nhar l-Erbgħa 15 ta' Frar fis-6:00 p.m u wara l-laqgħa tal-Kunsill fis-6:30 p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Dr Monica Vella |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |